MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 708/2004

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Dorianne Zammit**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Marzu, 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn tlieta u tmenin liri Maltin u disghin centezmu (Lm283.92) liema ammont huwa dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' servizz telefoniku li jgib in-numru 21323193(CN1021868PO a/c10113869/7) liema servizz gie installat fil-fond bin-numru ufficjali 109, Triq il-Kuncizzjoni, Msida skond diversi kontijiet mibghuta lilu, li kopja tal-prospett giet annessa ma' l-Avviz tat-Talba u mmarkata bhala Dok. A/1 u A/2, u kuntratt relattiv li gie wkoll anness u mmarkat bhala Dok. B.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gewipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mitejn tlieta u tmenin liri Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm283.92), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------